MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja
IS-SEBA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 114/7

It-Tlieta 04 ta' Diċembru 2018

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' b'urġenza fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

John Mary Calleja – Sindku
Romeo Baldacchino – Viċi Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
George Fenech – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

114.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

114.2 Bye-Law dwar il-Parkeġġ fil-Gudja

114.8 Tmiem tal-laqgħa

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku s-Sur John Mary Calleja ppresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.10pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**114.1.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

114.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija

**114.2.0 Bye-Law dwar il-Parkeġġ fil-Gudja**

114.2.1 Mal-ftuħ tal-laqgħa s-Sindku spjega li l-għan ta' din il-laqgħa huwa li l-Kunsill ikollu aktar tagħrif dwar il-qagħda preżenti tal-bye-law u dwar dak li qed isir sabiex din il-bye-law tidħol fis-seħħ skont il-liġi.

Is-Sur Sammut irrimarka li huwa jħoss li bqajna fejn konna u li din il-bye-law għandha tidħol fis-seħħ sabiex ir-residenti tal-Gudja jkollhom ħajja aħjar.

Is-Sur Fenech qal li waqt laqgħa soċjali huwa kellem lill-Ministru Owen Bonnici u lis-Segretarju Parlamentari Silvio Parnis li jidher li t-tnejn qablu li għandna nimxu.

Is-Sur Fenech kompla li l-Ministru Bonnici qallu li huwa kien qabbad lill-Avukat Mariella Silvio sabiex tara dwar dak meħtieġ fiċ-ċirkustanzi li qed jiffaċċjaw ir-residenti tal-Gudja.

Is-Sur Sammut irrisponda li skont il-liġi huwa l-Ministru u mhux l-Avukat tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali li għandu jaġixxi. Iċ-ċivil huwa organu separat u indipendenti mill-Gvern. Is-Sur Sammut insista li huwa l-Ministru Bonnici li kellu javviċina lill-Kunsill jekk kellu xi rimarki jew proposti li jagħmel dwar il-bye-law kif proposta mill-Kunsill.

Is-Sur Sammut qal li meta ntqal mill-Avukat tad-Dipartiment li hemm alternattiva dwar parkeġġ ikkontrollat ġewwa l-Gudja din l-alternattiva hija fil-fatt ineżistenti u l-Kunsill m'għandux jiġi aljenat u mċaħħad li jagħmel b'suċċess permezz ta' bye-law kif huwa propost mill-Kunsill b'mod unanimu liema bye-law kulma huwa meħtieġ huwa l-approvazzjoni uffiċjali tal-Ministru Bonnici sabiex tidħol fis-seħħ mill-aktar fis possibbli speċjalment li issa meta l-MIA tibda l-proġetti tagħha u jersqu l-vaganzi tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena żgur mhux forsi s-sitwazzjoni tal-parkeġġ ġewwa l-Gudja mistennija tkun waħda disperata u intollerabbli.

Is-Sur Sammut kompla u qal li riċentament il-Kunsill ta' Birżebbuġa għamel talba sabiex jintroduċi sistema ta' residential parking liema talba jidher li ġiet rifjutata.

Is-Sur Sammut irrimarka li jidher ċar li dak li qalet l-Avukat Silvio huwa biss sabiex teħles mill-Kunsill u xejn aktar.

Is-Sur Caruana qal li fiċ-ċirkustanzi huwa każ ċar li lilna qalulna mod u lil ħaddieħor qalulhom mod ieħor.

Is-Sur Fenech qal li huwa infurmat li hemm madwar 12-il pajjiż f'Malta u Għawdex li għandhom xi sistema ta' parkeġġ ikkontrollat.

Saret diskussjoni u sar qbil li allura dak li għandu jsir huwa li l-Ministru Bonnici jaġixxi u jżied kelma oħra fil-liġi.

F'dan l-istadju is-Sur Caruana baqa' jinsisti li s-Sindku għandu jkellem lil-Ministru sabiex din il-bye-law dwar il-parkeġġ tidħol fis-seħħ immedjatament peress li hemm fil-liġi kif ukoll fil-proċedura ma hemm xejn li jwaqqaf lill-Kunsill milli jagħmel dan.

Is-Sindku qal li huwa kien lest li jiltaqa' ma' kulħadd.  Peress li l-Kunsill kellu talba sabiex jiltaqa' mal-Avukat Silvio huwa kien qed jistieden lill-Kunsilliera kollha sabiex il-Kunsill ikun flimkien waqt din l-istess laqgħa.

Is-Sur Fenech qal li huwa kien sejjer jattendi għal din il-laqgħa mal-Avukat Silvio iżda xtaq ukoll li jkun hemm laqgħa mal-MIA sabiex il-Kunsill jara kif l-MIA tieħu azzjonijiet b'mod immedjat sabiex l-affarijiet imorru għall-aħjar.

Is-Sur Caruana rrimarka li huwa (is-Sur Caruana) ma kienx qed jifhem kif issa s-Sur Fenech kien qed jinvolvi l-MIA meta kien huwa stess (is-Sur Fenech) li kien oġġezzjona li l-MIA jissemmew fil-mozzjoni oriġinali u għalhekk l-MIA kienet ġie imneħħija mill-istess mozzjoni kif oriġinaljament proposta minnu (is-Sur Caruana) u s-Sur Sammut.

Is-Sur Caruana qal li waħda mill-azzjonijiet pożittiva li tista' tieħu l-MIA hija li traħħas it-tariffi dwar il-parkeġġ.

Sar qbil li l-laqgħa mal-Avukat Silvio sejra tkun nhar il-Ħamis 06 ta' Diċembru fil-12.15pm.

Kemm is-Sindku kif ukoll is-Sur Fenech u s-Sur Sammut urew il-fehma li sejrin jattendu għal din il-laqgħa mal-Avukat.

Is-Sur Caruana qal i ma jkunx jista' jattendi peress li ma jkunx jista' jkun nieqes minn fuq il-post tax-xogħol tiegħu.

Is-Sindku qal li kien sejjer jinforma lill-Kunsill dwar l-eżitu ta' din l-istess laqgħa.

Kemm is-Sur Sammut kif ukoll is-Sur Caruana komplew jisħqu li kull suġġeriment dwar il-possibilità ta' alternattiva meta l-istess skemi huma ffriżati skont policy nazzjonali huwa biss sabiex jgħaddu ż-żmien bil-Kunsill u mezz ieħor tat-tkaxkir tas-saqajn li huwa ta' ħsara għall-interess tal-Kunsill u tar-residenti kollha tal-Gudja.

## Għeluq tal-Laqgħa

114.3.1 Peress li l-materja li għaliha ġiet imsejħa l-laqgħa urġenti ġiet eżawrita s-Sindku għalaq il-laqgħa fis-6.45pm sine die.

Konfermati, illum ________________________

John Mary Calleja
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv